MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 704/2001/1

**Carmela Micallef**

**vs**

**1. Evelyn Pocock u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2006 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq Evelyn Pocock ghal fuq Dr James Douglas Pocock, Edward Jeffrey Pocock u Ives Keith Pocock;**
**2. Henry Vella u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2001 il-gudizzju gie trasfuz minn Enrico sive Henry Vella ghal fuq martu Margaret Vella u wliedu David Vella, Mary Pollacco u Charmaine Piccarelli;**
**3. David Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-30 ta' Lulju 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li bhala werrieta ta' Anthony Vella li miet fit-22 ta' Frar 2001:
1. Jroddu lill-attrici l-oggetti appartenenti lilha ndikati fl-anness prospett Dok X;

2. Jigi dikjarat illi l-attrici rrendiet servigi u assistenza lil Anthony Vella, u dan peress illi hija kienet tixtri, issajjar u titimghu darbtejn kulljum, tnaddaflu l-mezzanin tieghu fi Triq it-Torri tax-Xghajra, tahsel hwejjgu u tghaddihom u tirrendi servigi ohra stante li kien ‘handicapped’, u ghalhekk hija intitolata ghall-hlas ta’ kumpens adegwat;
3. Jigi likwidat il-kumpens dovut lilha ghas-servigi u assistenzi minnha rezi;
4. Jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata bhala kumpens ghal servigi u assistenzi minnha rezi lill-imsemmi Anthony Vella.

Ghal fini ta’ kompentenza jigi dikjarat li l-valur ma jeccedix il-Lm5,000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra privata tat-12 ta’ Lulju 2001, kontra l- konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Evelyn Pocock u David Vella fejn eccepew illi:

Fl-ewwel lok il-kawza fl-ismijiet fuq premessi hija intempestiva stante li l-konvenuti qatt ma gew interpellati bit-talbiet attrici.

Ili bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma joggezzjonawx illi l-attrici tiehu l-affarijiet appartenenti lilha ladarba jigi ppruvat li huma taghha.
Illi l-pretensjoni tal-attrici ghall-kumpens ghal servigi allegatament rezi minnha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed jigu respinti ghal ragunijiet li jistghu jigu ppruvati ahjar waqt il-kawza.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Novembru 2001 fejn ordnat trasfuzzjoni ta’ l-atti wara l-mewt ta’ Henry Vella (fol 19).

Rat ukoll id-digriet taghha tat-23 ta’ Jannar 2006 fejn ordnat trasfuzzjoni tal-gudizzju wara l-mewt tal-konvenuta Evelyn Pocock (fol 83).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attrici Carmela Micallef qieghda titlob ir-ritorn ta' oggetti u hlas ta' servigi li gew ipprestati lil Anthony Vella li jigi z-ziju u hut mill-konvenuti, liema servigi bdew jigu rezi fil-1976. Min nahha l-ohra l-konvenuti qeghdin jikkontestaw illi rrendiet xi servigi, anzi thallset ben tajjeb minn Anthony Vella fi zmien hajtu.

Ikkunsidrat:

L-attrici xehdet li ltaqghet ghall-ewwel darba ma' Anthony Vella fil-1964 u kellhom relazzjoni intima ghal xi hmistax-il sena. Fil-1976 kien qalilha biex tiehu hsiebu u kien wiret mezzanin minghand il-genituri tieghu u kien joqghod fih pero' filghaxija kien imur ghand ohtu. Kienet issajjarlu darbtejn kulljum, tnaddaflu l-mezzanin, tahsillu l-hwejjeg u nhar ta' Hadd fit-tmienja ta' filghodu kien jigi jiehu banju ghandha peress illi r-ragel ta' ohtu kien jitfi l-*"geezer*". Fl-ahhar ta' hajtu Vella kien jaf li kien qed ibaghti minn marda terminali tal-cancer u kien imdejjaq hafna. Miet fit-22 ta' Frar 2001. Kien ghadu guvni u ma ghamilx testment.

L-attrici xehdet li matul dan iz-zmien kollu Anthony Vella qatt ma tahha xejn hlief xi par imsielet li kien baghtilha meta kien il-Libya. Barra minn hekk minkejja illi kellhom relazzjoni intima u kienu jkunu ta' spiss ma' xulxin, qatt ma tahha xejn ghad illi xi kultant kienu jieklu barra u anke jiddevertu flimkien.

Cettina Carabott li hija l-gara ta' l-attrici xehdet li kienet tara lill-attrici tohrog fis-seba' u nofs ta' filghaxija b'xi basket ta' l-ikel u kienet tigi lura ghal habta tal-hdax jew il-hdax u nofs. Kienet taraha tirkeb ma' Anthony Vella fil-karozza tieghu u kienet ilha s-snin taraha taghmel dan il-qadi. Kienet tghidlha li dejjem kienet issajjar u tlesti zewg ikliet biex tehodhom lil Vella.

Min nahha l-ohra l-konvenuta Evelyn Pocock li lahqet xehdet quddiem din il-Qorti qalet li Vella kien huwa l-kbir. Kien bniedem istriwit. Dahal id-Dockyard ta' erbatax-il sena bhala *"engine fitter"* u kien jaghmel kollox wahdu. Beda johrog ma' l-attrici fil-1964 meta kellu tletin sena u baqa' guvni u ghix maghhom u cioe' ma' Evelyn Pocock u l-familja taghha. Sakemm missierha kien ghadu haj qatt ma accetta lill-attrici fid-dar tieghu. Anthony Vella irtira mix-xoghol fil-1989 u kien johrog ma' l-attrici kulljum u jiltaqghu fil-post li kellu x-Xghajra. Meta Evelyn Pocock marret toqghod il-Fgura ma kienx jigi kulljum izda l-aktar li kien jigi s-Sibt u l-Hadd. Kienet taf illi l-attrici kellha relazzjoni intima ma' Vella u kienu jigu meqjusa bhala partners. Rigward it-talba ta' l-attrici ta' l-oggetti li allegatament halliet fid-dar tax-Xghajra, Pocock qalet li wara l-mewt ta' Vella marret hemm fil-fond u ma sabet xejn. Kien jidher pero' li l-attrici hadet xi affarijiet. Li kien fadal kien miksur u l-ghamara li kien hemm armiet kollox. Illum il-fond inbiegh lil terzi.

David Vella li huwa hu Evelyn u hu Anthony xehed li kien hemm relazzjoni tajba hafna bejn l-attrici u huh Anthony u ta' spiss kien igibha tiekol ghandu fir-restaurant li dak iz-zmien kien jopera u safejn kien jaf hu baqghu jaraw lil xulxin sa l-ahhar. Fuq din it-tema xehedu wkoll Dr James Douglas Pocock, Edward Pocock u Ives Keith Pocock fejn ilkoll xehdu dwar ir-relazzjoni intima li kien hemm bejn Anthony Vella u l-attrici. Pero' huma ma kienux jafu wisq dwar x'tip ta' servigi kienet tippresta l-attrici ghad illi qalu li ta' spiss kienu jaraw lil zijuhom cioe' Anthony Vella ghand ommhom Evelyn.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi l-Qorti jidhrilha illi minbarra r-relazzjoni intima li kien hemm bejn l-attrici Carmela Micallef u Anthony Vella, l-attrici kienet tipprestalu servigi fil-forma ta' ikel, tindif ta' fond u anke hasil ta' hwejjeg. Huwa veru illi Anthony Vella bhala guvni kien iqatta' wkoll xi hin ghand il-familja tieghu, pero' dan ma jeskludix il-fatt li probabbilment huwa minnu illi l-attrici kienet tipprestalu servigi fil-kuntest illi hija xehdet. Minkejja

li kellhom relazzjoni intima, ma jfissirx illi b'daqshekk l-attrici rrinunzjat ghal xi dritt taghha li tigi kumpensata ghal xi servizzi li hija rrendiet lil Vella.

Fil-kaz Carmela Farrugia vs Mary Abela (Vol XXV pt 1 pg 301) il-Qorti qalet *"anke jekk ma jkunx gie pattwit, hu dovut kumpens ghal xi servigi meta mic-cirkostanzi jirrizulta li l-prestant kellu l-intenzjoni li jithallas, il-prestazzjoni gratwita m'ghandhiex tigi prezunta salvi konsiderazzjoni ohra f'kaz ta' stretti parenti."* Dan il-hsieb gie rifless f'sentenza moghtija mill-Prim Awla fit-22 ta' Frar 2006 fl-ismijiet Carmelo Lopez vs Mario Mizzi et. Ghalhekk, peress illi ma hemm l-ebda parentela stretta bejn Carmela Micallef u Anthony Vella mhuwiex il-kaz li tigi kkunsidrata prestazzjoni gratuita.

Fix-xhieda taghhom il-konvenuti qeghdin ighidu illi matul iz-zmien tar-relazzjoni li kien hemm bejn Anthony Vella u l-attrici, dak ta' l-ewwel kien jikkompensaha billi jaghtiha xi oggetti tad-deheb u anke xi flus. Apparti l-fatt illi l-attrici tinnega dan u tikkonferma biss l-ghoti ta' par imsielet, b'daqshekk anke kieku Vella kien jaghtiha xi flus ma jfissirx illi rrinunzjat ghal xi dritt ta' servigi li ppretendiet li kellha.

F'kawza Salvatore Camilleri vs Pawlina Piscopo (Vol XXIX pt i pg 931) il-Qorti qalet *"hu accettat mid-dutrina u mill-gurisprudenza li jista' wiehed jitlob bhala kumpens ta' servigi izjed milli jkun dahhal kemm-il darba l-hlas mhux fissat skond ftehim. Gie anke ritenut illi kumpens addizzjonali huwa ammissibbli wkoll meta wiehed jircievi renumerazzjoni insufficjenti ghaliex min ircieva s-servigi jkun tah taghma li jikkumpensah b'mod iehor u mbaghad ma jzommx kellmtu."*
Ma rrizultax mill-atti li Vella kien ittama b'xi mod lill-attrici b'xi kumpens specjali, allavolja fix-xhieda taghha l-attrici kienet qalet illi kienet tippretendi illi Vella kien ser ihallilha b'wirt il-fond li kellu x-Xghajra. Fil-fatt Vella miet minghajr testment u wirtuh skond il-ligi l-konvenuti odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi fit-talba taghha l-attrici qieghda tippretendi wkoll xi oggetti illi halliet fid-dar ta' Anthony Vella tax-Xghajra, liema oggetti jinsabu elenkati a fol 2 tal-process. Il-Qorti jidhrilha illi l-attrici ma rnexxilhiex tipprova fi grad li trid il-ligi li fil-fatt dawn l-oggetti kienu fil-fond jew inkella b'xi mod kienu nieqsa kawza ta' xi operat da parti tal-konvenuti. Ghalhekk fuq dan il-binarju l-Qorti ma jidhirlhiex li ghandha tilqa' t-talba ta' l-attrici. pero' dina qieghda titlob ukoll il-hlas ta' servigi a bazi ta' servizzi li hija rrendiet lil Anthony Vella, liema servizzi l-Qorti jidhrilha illi l-attrici ppruvat fi grad li trid il-ligi. Naturalment il-Qorti ma tistax tikkwantifika dawn is-servigi fid-dettall peress li dan ma rrizultax mill-atti, izda hija awtorizzata li *arbitrio bono viri* tiffissa somma illi jidhrilha li tkun xierqa bhala kumpens ghall-attrici u stante c-cirkostanzi jidhrilha illi s-somma ta' elf lira ghandha tkun gusta u ekwa biex tpatti xi ftit ghal dak kollu li l-attrici ghamlet ma' Anthony Vella.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel talba ta' l-attrici ghal dak li jirrigwarda l-oggetti appartenenti lilha, kif indikat fil-prospett Dokument X, izda tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet u tiddikjara lill-attrici rrendiet servigi u assistenza lil Anthony Vella tul perijodu ta' zmien. Tillikwida l-kumpens ghal dan is-servigi fis-somma ta' elf lira (Lm1,000) u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata bhala kumpens ghas-servigi u assistenza minnha rezi lil Anthony Vella.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------